Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 270/2012 AE

**Busuttil & Micallef**

**vs**

**Fal-Con Limited (C 5190)**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016

Permezz ta' **t-talba** mressqa fit-28 ta' Marzu, 2012 quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, r-rikorrenti talbu lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' tlett elef u wiehed u sebghin euro u tmienja u ghoxrin centezmu ta' euro (€3,071.28) rapprezentanti drittijiet professjonali ghal servizzi ta' awditjar u servizzi ancillari rezi mid-ditta attrici lis-socjeta konvenuta.

Permezz ta**r-risposta** minnha mressqa fid- 29 ta' Mejju, 2012 s-soċjeta` intimata eċċepiet u li permezz taghha hija eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u fil-mertu li l-ammont ma kienx dovut.

Permezz ta' **sentenza in parte** tas-17 t'Ottubru 2012 it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi sab li din ġiet interrotta.

It-Tribunal ta' permess lis-soċjeta` konvenuta biex tappella minn din is-sentenza.

L-istess soċjeta` appellat bl-aggravju li l-interruzzjoni ma ġietx ippruvata anke billi t-Tribunal għamel evalwazzjoni żbaljata tal-fatti. Is-soċjeta` rikorrenti wieġbet li qorti tal-appell ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula fi prim'istanza.

Fis-sustanza, it-Tribunal sawwar id-deċiżjoni tiegħu fuq dak li xehed Dr Renald Micallef:

*"Jien mill-2010 sal-lum kellimt diversi drabi lil wiehed mid-Diretturi Joe Falzon li qalli kemm-il darba li huwa kien ser ihallasni ftit 'il ghaliex kien ser jiġġieled ma' missieru. Pero' x'kienet il-problema u fuq x'hiex ma nafx.... F'Awissu tas-sena 2010 Joe Falzon jiena kont cempiltlu u staqsejtu kif ser niqbgħu fuq din il-kwistjoni. Fil-fatt huwa baghatli pagament akkont fit-12 ta' Awissu 2011, €720.26. Din l-istess telefonata ahna tkellimna mhux fuq Renald Micallef &*

*Associates biss imma fuq kulhadd. Fil-fatt f'dik it-telefonata kif diga' ghidt qalli li ser jibghat xi ħaġa żgħira u hekk ghamel, baghat l-inqas invoice"* (fol. 13).

Hu evidenti li It-Tribunal qies li ma kellux għalfejn jiddubita mill-veraċita` ta' din id-deposizzjoni filwaqt li min-naħa l-oħra kellu dubbji fuq il-kredibilita` tas-soċjeta` intimata li r-rappreżentant tagħha stqarr li m'għandu jagħtiha xejn. Mill-provi rriżulta li:

i. Id-ditta Busuttil & Micallef kienet awditur tas-socjeta appellanti (ara ittra a fol. 23 datata 24 ta' Settembru 2007[1]). Inoltre b'ittra datata 27 ta' Frar 2009 (fol. 27) is-socjeta appellanti kkonfermat li d-ditta appellata hi l-awditur taghha u awtorizza lil Bank of Valletta plc biex jaghti t-tagħrif li jista' jintalab mill-istess ditta ta' awdituri;
ii. Fl-14 ta' Jannar 2010, Dr Renald Micallef gie nfurmat li s-socjeta appellanti kienet hatret lil Dr Anthony J. Cassar bhala awditur b'effett mis-sena finanżjarja li spiċċat fit-30 ta' Settembru 1998 (fol. 28);
iii. Dr Renald Micallef, permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2010, bagħat jinforma lil Dr Cassar li l-ahhar audit li Busuttil & Micallef ghamlet ghas-soċjeta appellanti kien ghas-sena finanżjarja li għalqet fit-30 ta' Settembru 1998. Fl-ittra talab ukoll li jithallsu l-kontijiet pendenti (fol. 29).

Il-qorti ma tara l-ebda raġuni ghalfejn it-Tribunal ma kellux jemmen il-verżjoni ta' Dr Micallef. Minn kliem ix-xhud hu evidenti li matul is-sena 2010 is-socjeta konvenuta, tramite Joseph Falzon, ammettiet li hi debitrici tal-appellata ghalkemm jidher li kien hemm xi problema nterna fis-socjeta appellanti dwar l-ammont li kellu jitħallas. Dr Micallef qal li Falzon qallu li *"... kien ser ihallasni ftit....".* M'hemmx prova li Falzon kien qal li fir-rigward tad-ditta attrici, xejn ma kien dovut. Hu evidenti li meta Dr Micallef tkellem ma' Falzon, kellmu fuq l-ammonti li kienu dovut lid-ditta appellata u lil Renald Micallef & Associates. Dr Micallef stess xehed li fis-7 ta' Lulju 2010 kien ċempillu Joseph Falzon u talbu jibagħatlu kopja tal-kontijiet. Ħaġa li qal li għamel. Skond il-verżjoni ta' Dr Micallef, wieħed ikun ġustifikat li jifhem li s-soċjeta appellanti kienet qegħda taċċetta li hi debitur ghalkemm ħadet il-posiżżjoni li thallas biss parti mill-ħlas mitlub. Il-kliem li Falzon qal lil Dr Micallef jinftehemu hekk. 'Il fatt li sussegwentement l-appellata ħallset biss il-kont ta' Renald Micallef & Associates, ma jfissirx li dan ġab fix-xejn dak li ntqal preċedentement minn Joseph Falzon lil Dr Micallef. Ir-rinunzja xorta kienet saret.

L-appellanti qalet li l-verżjoni ta' Dr Micallef ma gietx korraborata. Fil-fehma tal-qorti l-hlas li sar fir-rigward tal-ammont dovut lil Renald Micallef & Associates, tikkorabora dak li xehed Dr Micallef. Dan apparti li biex jitwemmen dak li qal

[1] Ara wkoll deposizzjoni ta' Dr Renald Micallef (fol. 15).

xhud, m'hemmx xi obbligu li dak li jghid jigi korraborat minn provi ohra. Inoltre, fir-rigward tal-verżjoni li ta Dr Micallef, ma kienx hemm provi kontra. Kieku riedet tirribatti dak li xehed Dr Micallef, is-socjeta appellata kellha kull opportunita' li tressaq bhala xhud lil Joseph Falzon. Dan apparti li fil-kontro-ezami qasir li sarlu ma rrizultat l-ebda kontradizzjoni f'dak li xehed fl-*examination in chief*.

Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza **Abdilla John v Water Services Corporation**, 4 ta' Diċembru 2006: *"Ġja` ġie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu, dejjem, pero`, prudenzjali, tal-ġudikant adit mill-mertu.* ***Dan neċessarjament u loġikament ifisser illi l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji.*** *Fl-eżerċizzju ta' dan il-proċess huwa fakoltizzat li jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jqiegħed a fundament tad-deċiżjoni tiegħu fonti ta' prova ad esklużjoni ta' oħra. Kif inhu ben konsolidat f'ġurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-ġudikant tal-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u koerenti mal-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju loġiku segwit."*

Peress li din il-Qorti ma ssib xejn illoġiku, inkongruwu jew pależament żbaljat fl-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, ma tqisx li l-ilment tal-appellanti hu ġustifikat. B'dan li pjuttost minn interruzzjoni tal-preskrizzjoni[2], kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni in kwantu l-pretensjoni tal-appellata tirreferi ghal servizz prinċipalment ta' auditing li ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta' Settembru 1998, li jidher li sar fis-sena 2007[3]. Qieghed jinghad hekk ghaliex jirriżulta li fl-ahhar ta' Settembru 2007 is-soċjeta appellanti kienet inkarigat lid-ditta appellata biex taghmlilha l-audit ghas-sena finanżjarja li ghalqet fl-aħħar ta' Settembru 1998 (fol. 23), fejn jingħad li l-audit fee hi ta' Lm1,000[4].

**Għaldaqstant tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-appell a karigu tas-socjeta appellanti. Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Żgħar biex jissokta bis-smiegħ tal-kawża**.

Anthony Ellul.

---

[2] It-Tribunal qal: *".... s-socjeta rikorrenti irnexxiela turi li kien hemm interruzzjoni fil-perjodu preskrittiv"*.
[3] Bhala atti gudiżżjarji, l-appellata ppreżentat ittra uffiċjali fl-10 ta' Diċembru 2010 u fid-29 ta' Marzu 2012 ppreżentat il-kawża.
[4] Li hu proprju l-hlas prinċipali li qeghda titlob id-ditta appellata f'dawn il-proċeduri.